# Santu Wistin fil-Ħsieb u l-Qalb ta' Dun Karm

*Ta'* D. M. Fenech

SABIĦ, isaħħar hu l-isem qawwi ta' Santu Wistin fil-ħsieb u l-qalb ta' kull bniedem. Kulħadd jitgħaxxaq bil-ġenju ineraviljuż ta' dan il-persunaġġ hekk għoli. Il-qawwa tal-kobor tiegħu għadha ssaltan trijonfalment f'dawk l-artijiet kollha fejn hemm tperper il-Bandiera tar-Reliġjon vera, il-Knsja ta' Kristu.

Dun Karm, magħruf l-Italja bħala "lo Zanella maltese" u Malta bħala "l-ikbar Poeta Nazzjonali", ma jgħannix it-twelid tal-Kbir Duttur, iżda l-konversjoni, il-virtujiet, il-ġenju straordinarju u l-mewta qaddisa tiegħu. Ma jistax ikun li f'dan il-ftit wisa' nfissru sewwa l-kobor ta' l-imħabba ta' dan il-Poeta lejn id-Duttur tal-Grazzja; aħna nixtiequ nġibu biss xi ħaġa fil-qosor.

Dun Karm jitħassar b'reqqa ta' qalb iż-żgħużija ta' Santu Wistin, u jibki miegħu minħabba dik il-qagħda tan-niket li kien fiha meta kien għadu 'l bogħod mid-Din Nisrani, mitluf fid-dlamijiet tal-pjaċir qarrieq :

Bejn ix-xbejba u l-ġorf fl-aħjar ta' żmienek,
Wistin, sibt ruħek u, jaħasra, liema
Ġranet ta' qsim il-qalb, ljieli mbikkija
Garrbet żgħużitek! (1)

Huwa jingħaqad ukoll ma' Santa Monika, u fil-waqt li magħha jmur fi knisja mwarrba, huwa jitlob bl-ikbar ħerqa sakemm it-tifel ingrat ta' dik l-Omm imnikkta jqum rebbieħi mill-mewt tad-dlamijiet u l-pjaċiri qarrieqa għal ħajja ta' dwal tas-sema u hena li ma jintemmx. Isimgħu l-għanja tar-rebħa :

Rebaħ il-Ħaqq u s-Sewwa. Il-ġisem rażan
Taħt il-ħakma tar-ruħ ; ġo qalbek niżel
Bħal nida fuq warda l-ħajr tas-sema
U sibt il-hena.
Għaraft il-bidu tal-ħolqien u t-temma ;
Għaraft hlek innifsek u lil għajrek ;
Fhimt l-imgħoddi u li ġej, u rajt fuq kollox
Jaħkem Ħsieb wieħed. (2).

U dan il-Ħsieb wieħed m'hux ieħor għajr Dak li jista' kollox, li kien mexxieh għall-port tal-ħelsien, għas-saħħa eterna tar-ruħ; huwa wkoll Dak li ħatru "ewlieni fuq il-merħla tiegħu" (3), għollieh bl-imħabba tiegħu Divina lejn is-sema u "bħal xemx qiegħdu fuq il-quċċata" (4) biex b'għerfu jdawwal il-ħolqien kollu.

Fil-waqt li kien hekk fil-għoli, Wistin tefa' ħarstu setgħana bħala ljun qalbieni lejn id-dinja kollha u leħnu widdiebi nsama' ikarwat bħal ragħda minn belt għal belt, minn art għal art, u sa fl-aħħar wasal ukoll Ruma, u nsema' jgħidilha:

...... "Ta' l-imperu tiegħek
 Li rbaħt bil-għodda tal-ħruxija waslet
Is-siegħa tat-twellija......
Iżd'int ma tmutx: tilqima safja, sħiħa,
 Titfa' ġo sidrek ħajja ġdida, u minnek
 Toħroġ is-Sliema bħal ma ħarġet darba
 L-eħrex theddida." (5).

Malli qal hekk, Wistin beda jkellem lix-"xirka ta' Ġesù", il-Knisja mqaddsa, u lilha qalilha li għandha ġmiel ta' xebba f'waqtha, b'għajnejn qishom żewġ kwiekeb li fihom dawl ġewwieni li qatt ma jikfes. Il-ġnus kollha huma wirt tagħha u s-setgħa li hija għandha ma tintemm qatt. Fuqha jitkissru l-għodod ta' l-egħdewwa, iżda hija, Sultana, toħroġ rebbieħa fis-sekli kollha.

Ma laħaqx għadda ħafna żmien, li l-profeziji ta' Santu Wistin ma bdewx ikunu mwettqa waħda wara l-oħra. Għalhekk malajr naraw li Belt is-Seba' Għoljiet bdiet tnin qajl qajl u toqrob lejn il-qabar sakemm

Bla ħoss iġġarfet minn kulħadd minsija
 Il-qawwa ta' bla tarf li kienet Ruma. (6)
Iżda l-Barbari li kienu qerdu Ruma pagana biex, bla ma riedu,
 Hekk kibret, mill-qadima iżjed sabiħa,
 Ruma oħra, mgħannqa mas-Salib ta' Kristu,
 Ruma li ma tmut qatt, u qatt m'hi xiħa. (7),

ma kinux kuntenti bil-qerda tagħha biss. Riedu jagħmlu straġi kullimkien. Għalhekk ġewwa l-Affrika nisimgħu

Għaddejja l-ħamla fuq il-Mawritanja,
 Tal-Vandli, ta' l-Alani b'Ġenseriku,
 Tirfes, tkisser u teqred kull ma jiġi
 Quddiem mixjitha. (8)

B'hekk l-Affrika ta' Fuq saret l-għalqa tal-battalja u t-teatru ta' għemil l-iżjed faħxi. Il-biża', il-qilla, il-ħruq, l-istraġi, l-imwiet ta' nies ta' kull sess u ta' kull età, mingħajr ħelsien ta' saċerdoti, knejjes jew artali jheddu 'l-Affrika kollha. Fl-aħħar Ippona, li hija l-ġawhra l-iżjed għażiża għal Santu Wistin, tkun ukoll assedjata. Il-poplu kollu mqanqal u mħawwad, kollu mbeżża' u mgħaġġel jiġri għal għand ir-Ragħaj għażiż tiegħu u jitolbu pariri, għajnuna, ħniena. Wistin, mifni u mqanqal minħabba l-periklu li jhedded il-Belt maħbuba tiegħu, joffri lil Alla t-talb, ix-xehir, il-biki u l-ilfiq tiegħu għall-ħelsien tal-merħla tiegħu minn idejn il-Vandli u iżjed u iżjed mill-periklu li jitilfu l-fidi. Iżda, meta beda jara li l-qagħda bdiet tmur mill-ħażin għal agħar, ma felaħx jara l-qerda tal-Knisja maħbuba tiegħu, u l-mewt ta' ħafna mill-merħla tiegħu. Għalhekk idawwar il-ħarsa tiegħu lejn is-Sema u ijtlob 'l Alla :

Eħles, Mulej, il-knisja li rawwamtlek,
 Eħles il-belt li jien ħabbejt bħal dari :
  Jekk le Mulejja, eħlisni minn dal-jasar,
  Iġborni miegħek. (9)

Minn dawn iż-żewġ talbiet togħġob lil Ħniena Divina, ittieni waħda. Alla ma jridx li x-xwejjaħ Wistin ikun wieħed minn dawk li jaraw spettaklu hekk tal-biża' u hekk qalil. Għalhekk Wistin jaqbdu deni qawwi, jintefa' f'qegħ ta' sodda u jitlob lil dawk ta' ma' dwaru :

Mal-ħitan ta' kamarti, kull fejn tista'
 Ħarsti tiġġerra b'ittri kbar miktuba
 Qegħduli s-salmi, dawk li bihom beka
  David profeta,
U ħalluni hawnhekk waħdi ma' ħsiebi. (10)

Fil-waqt li l-għedewwa kienu jassedjaw il-belt, Wistin bħal donnu nesa x'kien qed isir madwaru, u beda jgħarbel iż-żgħużija tiegħu. Ra u sema' lil ommu Monika twiddbu, twissieh

iċċanfru, tagħdru, tistennieh jikkonverti u sa fl-aħħar taħfirlu. Beda jixtarr irġulitu, "il-qawwa t'Alla li ħakmitu qajl qajl bla qatt ma rħietu", (11)), in-nar ta' l-imħabba li kien għadu jikbes ġo qalbu, il-ħidma tiegħu iċken minn xewqtu. Jibki u jibki b'qalb maqsuma fuq il-ħerba ta' l-isbaħ snin ta' ħajtu, u jitlob 'l Alla għajnuna, ħniena, maħfra.

Qabel ma n-nar beda jħaddan lil Ippona, qalb Wistin, li kienet ħabbet tant, waqfet u kesħet. Għalhekk huwa la ra t-tħarbita tal-belt li kien igħożż "bħal waħda minn ulied Ruma" (12), u l-inqas sema' l-biki ta' tfajliet imgħannqa ma' sider ommhom li kienu jmutu mingħajr ma jafu. Ġismu niżel jorqod fil-ħdan t'ommu ħanina, l-art li nisslitu u ruħu ttajret lejn is-Sema.

"Jgħibu u jintilfu", jgħid il-Poeta lil Santu Wistin, "Ċirta, Kartaġni, Ippona", iżda

"Aktar miż-żonqor u l-azzar f'saħħitha<br>Tibqa' l-kelma li ktibt, u magħha d-dija<br>Safja ta' ħsiebek". (13)

(1) "Lil Santu Wistin" (F'dan l-ewwel vers, "ix-xebba" tirriferixxi għall-Knisja, u "l-ġorf" għall-Imperu Ruman); (2) Ibid; (3) Ibid; (4) Ibid; (5) Ibid; (6) Roma Immortalis; (7) Ibid; (8) Il-Mewt ta' Santu Wistin; (9) Ibid; (10) Il-Mewt ta' Santu Wistin; (11) Ibid; (12) Ibid; (13) Ibid.

Fr Edward L. Fenech O.S.A.

---

## ĠAWHAR TA' ĦSIBIJIET

Min hu għani?—Min ma jixtieq xejn.—Min hu fqir?—Ix-xħiħ.

La tiftakarx fil-ġid li għamilt; iżda ftakar fil-ġid li rċevejt.

Il-vleġġa mhux dejjem tolqot dak li thedded.

Tkellem l-aħħar wieħed; iskot l-ewwel wieħed.